*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32

It-Tlieta 11 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier (attenda b`mod virtwali)
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv



JAG

| | |
|---|---|
| **32.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 32.1.1 | Il-laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-19:00 minhabba li ma' kienx hemm *Quorum*. |
| 32.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li s-Sur Ismael Dalli talab li jattendi ghall-laqgha b`mod virtwali minhabba sitwazzjoni li ma` kellux kontroll fuqa. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **32.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 32.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 31, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 32.2.2 | Is-Sur Thomas Debattista ppropona u s-Sa Darlene Vella Zammit ssekondat l-minuti tas-Seduta numru 31, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **32.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 32.3.1 | Permezz tac-Cirkolari 2021/083 minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali, s-Sindku informa lill-Kunsilliera bl-aggornament tas-*Solidarity Fun Run* tal-President li se tinzamm fil-21 ta` Novembru 2021 minflok fl-14 ta` Novembru 2021. Is-Sindku qal li nforma lill-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali bir-rotta rispettiva li giet mifthema fil-laqgha precedenti. |
| 32.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma` ufficjali tal-ERA fejn gew diskussa l-*bring n sites* il-godda li jridu jigu nstallati fil-lokalita`, skond l-Avviz Legali 146 ta' 2021.Is-Sindku spjega li l-Kunsill huwa obbligat li jinstalla erbgha *bring in sites* madwar il-lokalita`, ghar-raguni li l-ligi tghid li jrid ikun hemm wahda ghall-kull elfejn abitant. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Perita se tkun qed tapplika ghall-permess mal-Awtorita tal-Ippjanar u ppropona l-akwati ta` fejn jahseb li l-ahjar jitpoggew il- *bring in sites*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-akwati ghall-*bring in sites* ghandhom jergghu jigu diskussi sabiex jinstabu aktar alternattivi adekwati. |
| 32.3.3 | Is-Sindku ghamel referenza ghall-laqgha precedenti fejn gie diskuss il-*grant* ta` Eur3,000 li l-Kunsill inaghta minghand il-Wasteserv. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv giet infurmata li permezz tal-*grant* jistghu wkoll jigu restawrati nincec. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jirtiraw id-decizzjoni tal-laqgha precedenti u permezz tal-*grant* titranga n-nicca ta` Marija Annunzjata li tinsab il-Pjazza, u fl-istess hin jinxtraw xorta ammont ta` boroz u *dog bins*. Is-Sindku stasqa wkoll jekk il- |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | Kunsill jaqbilx li l-Kunsill jalloka Eur500 mal-*grant* sabiex ikun hemm flus sufficenti ghall-dak li jrid jinxtara. Wara diskussjoni libera ttiehed vot fuq il-proposta tas-Sindku u gie deciz kif gej;<br><br>Is-Sindku Joseph Abela Galea ivvota favur;<br>Il-Vici Sindku Darlene Vella Zammit ivvutat favur;<br>Il-Kunsillier Neil Portelli ivvota favur;<br>Il-Kunsillier Thomas Debattista ivvota Favur;<br>Il-Kunsillier Christian Pace ivvota favur;<br>Il-Kunsillier Ismael Dalli astjena ghar-raguni li ma hassux komdu li tinbidel id-decizzjoni li kienet diga` ttiehdet fil-laqgha precedenti;<br>Il-Kunsilliera Anabelle Marmara' ivvutat favur. |
| 32.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mall-Kunsillier is-Sur Christian Pace, qed jinzammu tahdidiet sabiex jigi pjanat it-tizjin tal-Milied fit-Toroq tal-lokalita`. Is-Sindku talab l-opinjoni tal-Kunsilliera dwar jekk jaqblux li l-Kunsill izid Triq Palma mat-tizjin tas-sena l-ohra u jerga` jingieb Santa Klaws sabiex idur mat-Toroq tal-lokalita`.Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, gie deciz li t-tizjin tal-Milied ghandu jsir kif propost mis-Sindku u Santa Klaws ghandu jerga` jingieb fil-lokalita` ghax l-attivita` kienet intlaqat hafna mir-residenti. |
| 32.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar is- 6 t'Ottubru 2021, flimkien mas-Segratarju Ezekuttiv attenda laqgha mal-MTIP fejn gie diskuss il-progett ta` fejn it-Tempji Neolitici. Is-Sindku spjega li l-proposta tal-Kunsill intlaqghat tajjeb u diga sar *survey*. Is-Sindku qal li aktar informazzjoni se tinaghta l-quddiem mill-MTIP. |
| 32.3.6 | Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera bil-korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward is-servizz tal-WIFIEU u nforma l-Kunsilliera li l-*ISB Technologies*, ikkomunikaw mall-Kunsill u nfurmawna li se jigi nstallat servizz tal-WIFI4EU b `xejn ghall-hames snin fi tlitt zoni tal-lokalita`. Is-Sindku spjega li sabiex jigu nstallati il-WIFI spots jrid ikun hemm kamra ghaldaqstant, peress li ma hemx kmamar disponibbli ssugerixxa li jsiru fil-parkegg il-gdid ta` Pjazza Agatha Barbara. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li s-Sindku ghandu jivverifika mal-iskola qabel ma tittiehed decizzjoni fuq Pjazza Agatha Barbara, filwaqt li s-Sur Neil Portelli kellu jikkomunika mal-Arcipriet. |





EV JAG

| | |
|---|---|
| 32.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li jrid jigi approvat il-*Performance Bonus Appraisal* tal-haddiema assenjati. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu l-haddiema kollha haqqhom il-massimu tal-*bonus* ghax kollha jikkolaboraw u jahdmu. Is-Sindku zied jghid li d-*District Operations* ghadhom kemm baghtu haddiem assenjat sabiex ikun hemm sostitut ghall-min telaq. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Haddiema Assenjati jinaghtaw il-massimu tal-*Performance Bonus Appraisal.* |
| **32.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 32.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **32.5** | **Rapporti** |
| 32.5.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kif diga` gie diskuss fil-laqgha precedenti, fl-1 ta` Ottubru 2021 jaghlaq il-kuntratt mal-iskema Green MT, ghaldaqstant kien jehtieg li jigi ffirmat kuntratt gdid mal-iskema li jiskada fl-2022 u jista` jiggedded ghall-sena konsekuttiva. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv bghat il-kuntratt lill-Kunsilliera kollha qabel il-laqgha sabiex jigu diskussi xi punti mill-Kuntratt li huma ftit inkwetanti. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li qabel ma jigi ffirmat il-kuntratt mall-Greent MT il-Kunsill irid jikkjarifika Artiklu 6 paragrafu 4 u jibqa` jinsisti fuq zewg gabriet fil-Gimgha. |
| 32.5.2 | Permezz ta` korrispondenza minghand il-Green MT, s-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ntbghatet invoice lill-Kunsill li tammonta Eur3,916.80, relatata ma' gbir ta` skart kkontaminat. Is-Sindku spjega li l-Wasteserv Malta Ltd qed titlob dan l-ammont lill-Green MT u l-iskema bghatet l-istess invoice lill-Kunsilli. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-korrispondenza tal-Green MT tghid, li qed tistenna pagament fi zmien tletin gurnata u jekk dan ma jsehhx l-Iskema tirriserva dritt li tiehu passi ulterjuri. Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li l-skema spjegat li mhux il-pjacir taghha li kellha tasal sa hawn, imma ma kellix alternattiva ghax kull attentat li ghamlet ma` gietx accettabli ghall-partijiet kollha u s-servizz taghha ma jistghax isir minghajr introjtu. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li permezz ta` korrispondenza minghand id-Direttur Generali tal-Gvern Lokali, l-Kunsill gie nfurmat li m'għandu l-ebda obbligu li jħallas għall- dan l-iskart u li l-Iskema trid timxi mal-obbligi kuntrattwali tagħha. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ma jhallas l-ebda` pagament, hekk kif indikat fil-korrispondenza minghand id-Direttur Generali tal-Gvern Lokali. |

| | |
|---|---|
| 32.5.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li nhar it-28 ta` Settembru 2021, saru l-intervisti ghall-vakanza skala 16 skond il-lista li ntbghatet mill-*Job plus,* li tinkludi persuni li jirregistraw *part 3* u anke persuni li applikaw minn barra. Is-Sindku spjega li kien hemm ammont li kienu elegibbli u ntghazel minn gab il-massimu tal-marki. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li din il-persuna giet assenjata mall-Kunsill Lokali nhar it-30 ta Settembru 2021 u qed jigi mghallem ix-xoghol li se jkun assenjat. |
| 32.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li wahda mill-impjegati tal-Kunsill applikat ghall-vakanza fi skala 13 u wara l-intervista li saritilha mill-bord assenjat, kienet elegibbli ghall-dan il-grad. Is-Sindku spjega li kif mifthiem fil-laqgha precedenti vakanza ohra fi skala 13 inharget ghall-haddiema tal-Kunsilli Lokali kollha flimkien mar-Regjuni, sabiex ikun hemm sostitut tal-impjegat li rrizenja. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li jekk ma japplika hadd, din il-vakanza trid tintbghat lill-*Job Plus* hekk kif sar ghall-vakanza fi skala 16. |
| 32.5.5 | Permezz ta' korrispondenza datata 29 ta' Settembru 2021 minghand id-Dipartiment tal Gvern Lokali, l-Kunsill gie nfurmat bl-*Accumulation of Vacation Leave* 2021-2022. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex is-Segretarju Ezekuttiv jitrasferixxi 108 siegha mill-leave vakanti tieghu ghas-sena 2022. Is-Sindku spjega li dan l-ammont tal-*leave* mhux se jilhaq jittiehed din is-sena minhabba ezigenzi tax-xoghol. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-108 siegha *leave* gew approvati sabiex jigu trasferiti ghas-sena 2022. |
| 32.5.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li hekk kif titlob il-ligi, qabel il-15 ta Dicembru 2021 trid jinzamm il-Laqgha Annwali tal-lokalita` sabiex jigu prezentati l-estimi finanzjarji u ghaldaqstant trid tigi mifthema data. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Laqgha Annwali tal-lokalita` tinzamm fid-9 ta` Dicembru 2021 fis-7pm u l-laqgha tal-Kunsill ghax-xahar ta` Dicembru 2021 tinzamm fl-istess gurnata u tibda fil-5.30pm. |
| 32.5.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-kuntratt tad-devluzzjoni tal-gnien tal-letrina, 5 - aside grawnd u l-garaxx li issa nbidel f`Community Hall , gie mgedded sas-sena 2031. Is-Sindku spjega li l-kera kienet Eur232.94 fis-sena u issa zdiedet ghall-Eur1,400 fis-sena. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li peress li d-devoluzzjoni skadiet fis-sena 2016 il-Kunsill se jkollu jhallas l-arretrati li jammontaw ghall- Eur7,002.36, li jkopri mill-20 ta` Jannar 2016 sat-19 ta` Jannar 2022. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-kont ghandu jithallas. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 32.5.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bid-*disposal of assets* ta` zewg monitors li ma kienux qed jahdmu. Il-lista tad-*disposal of assets* bid-dettalji kollha giet annessa mal-minuti. |
| 32.5.9 | Is-Sindku talab lill-Kunsillier s-Sur Neil Portelli sabiex jaghti *update* fuq l-attivita tal-*achievers scheme.* Is-Sur Neil Porteill informa lill-Kunsill li filwaqt li l-organizzazjoni tal-attivita dalwaqt tkun lesta, id-data proposta tal-attivita` hija l-14 ta Novembru 2021. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera ma` nstabet l-ebda oggezzjoni f `dan ir-rigward. |
| 32.5.10 | Is-Sindku talab lill-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit sabiex tispjega l-attivita` tal-Milied ghall-anzjani. Il-Vici Sindku nfurmat lill-Kunsill li se tkun qed torganizza festin tal-Milied ghall-anzjani go Dar Nazzareth. Is-Sa Darlene Vella Zammit spjegat li r-regolamenti kollha tal-Awtorita tas-sahha se jigu osservati ghaldaqstant, kull min jattendi irid jipprezenta c-certifikat tal-vaccin. Il-Vici Sindku nfurmat lill-Kunsill li aktar il-quddiem se tkun qed tipproponi d-data u taghti aktar informazzjoni fid-dettal fuq l-attivita`. |
| **32.6** | **Mozzjonijiet** |
| 32.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **32.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 32.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li qed jigi drafted it-*Tender* tal-*Contracts Managers* ghax il-kuntratt prezenti li huwa ghall- sena ser jaghlaq fl-1 ta` Mejju 2022. Is-Sindku spjega li min japplika ghat-*Tender* irid ikollu l-kwalifici necessarji, hekk kif titlob id-Direttiva 2/2021 minghand il-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku spjega li t-*Tender* se jinkludi wkoll l-assenjar tal-verifikazzjoni tax-xogholijiet li jsiru minn-kuntratturi varji, bhall-r*einstatemen*t tal-bankini, Toroq, fost affarijiet ohra. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li qabel ma tinhareg il-*Bank Guarantee Release* mill-Kunsill, dan irid jigi ccertifikat mill-*Contracts Manager.* Is-Sindku ssugerixxa li t-*Tender* se jinkludi wkoll drafting tat-*Tenders* kuntrattwali u progetti mhux mgharfa se jigu nkluza mat-*Tender* bhala *extras* u jekk ikun il-kaz il-Kunsill ikollu jhallas ghalihom separament, permezz ta` persentagg stabbilit. Is-Sindku spjega li s-Segretarju Ezekuttiv se jkun qed jibghat *draft* tat-*Tender* lis-sezzjoni tal-*procurement* tad-Dipartiment ghall-approvazzjoni. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi oggezzjoni dwar dan u talab li tittiehed votazzjoni. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera, gie deciz li t-*Tender* jinhareg mill-aktar fis bil-proposti elenkati mis-Sindku. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **32.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 32.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 27/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Settembru / Ottubru 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 32.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Thomas Debattista ssekondata mis-Sur Neil Portelli , l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **32.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 32.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit 8.30p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 11 ta' Ottubru 2021.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*